

Brussell, 12 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16463/25

EF 409
ECOFIN 1698
FSC 22
EBA
ECB
EIB
EIOPA
ESMA
ESRB
SRB

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konkluzjonijiet dwar is-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi
finanzjarji tal-Unjoni
– Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Diċembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-simplifikazzjoni tar-regolament tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji, kif approvati mil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) li saret fit-12 ta' Diċembru 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. IFAKKAR li s-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni hija vitali għat-tisħiħ tal-kompetittività, il-prestazzjoni ekonomika u s-sigurtà Ewropea, kif sottolinjat fid-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea mill-Kaprijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni¹, li appellat biex "titnieda rivoluzzjoni ta' simplifikazzjoni, jiġi żgurat qafas regolatorju ċar, sempliċi u intelliġenti għan-negozji u jtnaqqsu b'mod drastiku l-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ta' rapportar, b'mod partikolari għall-SMEs", u IFAKKAR ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-20 ta' Marzu 2025² u tat-23 ta' Ottubru 2025³, fil-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll fir-rapport dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, ippreżentat minn Mario Draghi,
2. JENFASIZZA li s-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni għandha taqdi rwol importanti fl-aġenda usa' ta' simplifikazzjoni tal-Unjoni peress li tista' ssaħħa il-kompetittività tas-settur finanzjarju Ewropew u b'hekk tal-ekonomija Ewropea usa', filwaqt li tikkontribwixxi biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi f'livell dinji,
3. IFAKKAR li s-simplifikazzjoni m'għandhiex twassal għal deregolamentazzjoni, li tista' tpoġġi l-istabbiltà finanzjarja friskju,
4. IQIS li s-simplifikazzjoni hija responsabbiltà kondiviża tal-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali, filwaqt li minn hawn 'il quddiem is-simplifikazzjoni ser tinvolvi li jsiru għażliet u sforzi ċari fil-livelli kollha li jwasslu għal leġiżlazzjoni sempliċi u effiċjenti,
5. JIRRIKONOXXI li xi kumplessità fir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tista' tkun dovuta għall-eteroġeneità, id-daqs, in-natura u r-rwol tas-settur finanzjarju fl-ekonomija Ewropea kif ukoll il-ħtieġa ta' allinjament mal-istandards internazzjonali,
6. JIRRIKONOXXI li maż-żmien, ir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni saret aktar kumplessa u aktar estensiva milli meħtieġ, u b'hekk hija ta' piż għan-negozji, inkluż l-SMEs, u għall-amministrazzjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi.
7. JISSOTTOLINJA li biex jintlaħaq l-għan li titneħħa u tiġi evitata l-kumplessità bla bżonn, is-simplifikazzjoni għandha tindirizza kemm il-korpus eżistenti tar-regolamentazzjoni kif ukoll il-fluss tar-regolamentazzjoni l-ġdida mingħajr ma jiġu mminati l-pilastri ewlenin, l-istandards ewlenin għas-servizzi finanzjarji,

¹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/11/08/the-budapest-declaration/>

² Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-kompetittività, id-difiża u s-sigurtà Ewropej u l-migrazzjoni, 20 ta' Marzu 2025, id-dokument EUCO 1/25

³ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar l-Ukrajna, il-Lvant Nofsani, id-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa, il-kompetittività u t-tranżizzjoni doppja, l-akkomodazzjoni, il-migrazzjoni u r-Repubblika tal-Moldova, 23 ta' Ottubru 2025, id-dokument EUCO 18/25

8. JENFASIZZA li r-rwol ta' żviluppi teknoloġiċi ġodda, bħall-intelliġenza artifiċjali, jista' jiġi esplorat aktar meta wieħed iħares lejn il-benefiċċji li jistgħu jgħibu meta jiġi ssimplifikat il-korpus eżistenti tal-miżuri regolatorji, pereżempju biex joħorġu fid-deher duplikazzjonijiet jew inkonsistenzi bla bżonn u jiġi ssimplifikat ir-rapportar tad-data,
9. JINSAB KONVINT li s-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni għandha tkun iggwidata mill-prinċipji li ġejjin, filwaqt li tippermetti flessibilità biex l-Unjoni taġixxi malajr fl-indirizzar ta' kwistjonijiet urġenti fis-sistema finanzjarja li qed tevolve:
 - a) Il-pilastri ewlenin tal-qafas regolatorju jridu jiġu ppreservati, peress li huma essenzjali għall-istabbiltà finanzjarja, ir-reżiljenza u l-prosperità ekonomika fit-tul u jridu jqisu l-istandards internazzjonali, filwaqt li jirriflettu l-ispeċifitàjiet tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Il-pilastri ewlenin jinkludu, b'mod partikolari, rekwiżiti robusti ta' kapital u likwidità, oqfsa ta' riżoluzzjoni b'saħħithom, livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u tal-investitur, superviżjoni effettiva, u qafas robust kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.
 - b) Is-simplifikazzjoni tal-istokk eżistenti ta' regolamentazzjoni għandha tiżgura l-istabbiltà regolatorja u tiffoka primarjament fuq l-eliminazzjoni ta' rekwiżiti mhux meħtieġa u fuq miżuri b'impatt potenzjali għoli, inkluż billi tiżgura koerenza mtejbja bejn atti leġislattivi differenti u oqsma differenti tal-leġislazzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom, tallinja d-definizzjonijiet, billi tneħħi d-duplikazzjonijiet, id-dispożizzjonijiet skaduti u r-rekwiżiti ta' rapportar mhux meħtieġa jew li jikkoinċidu.
 - c) Il-konsultazzjoni pubblika u mal-partijiet konċernati hija integrali għal teħid tad-deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba u biex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet. Bħala parti minn dan, diskussjonijiet strutturati, organizzati b'mod sistematiku, għandhom isiru fl-istadji preparatorji tal-proċess leġislattiv, qabel ma l-Kummissjoni tiddeċiedi jekk tippreżentax proposta. L-oġettiv ta' dawn id-diskussjonijiet għandu jkun li tiġi stabbilita l-ħtieġa ta' regoli ġodda potenzjali. Għandu jiġi żgurat li jitfasslu, u jiġu żviluppati u implimentati regoli ġodda li jkunu sempliċi kemm jista' jkun.
 - d) Valutazzjonijiet tal-impatt konsistenti, bir-reqqa u realistiċi li jinkludu analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji huma meħtieġa u importanti għall-proċess leġislattiv. Kif previst fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Kummissjoni ser twettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi, l-atti delegati u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha li huma mistennija li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti; meta jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġislattiv, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iwettqu wkoll valutazzjonijiet tal-impatt b'rabta mal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni. Bħala regola ġenerali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jieħdu l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni bħala l-punt tat-tluq għall-ħidma ulterjuri tagħhom. Id-definizzjoni ta' emenda 'sostanzjali' għandha tiġi ddeterminata mill-Istituzzjoni rispettiva.
 - e) Il-koordinazzjoni, il-kalendarju u s-sekwenzjar fl-implimentazzjoni tal-atti leġislattivi għandhom jittejjbu sabiex jitnaqqsu l-piżijiet tal-implimentazzjoni. B'mod konkret, rekwiżiti ġodda jew riveduti stipulati fatti leġislattivi, delegati jew ta' implimentazzjoni għandhom, bħala regola, jiġu introdotti u jsiru effettivi darbtejn fis-sena biss. Barra minn hekk, il-kalendarju tal-implimentazzjoni għandu, bħala regola, jiżgura l-applikazzjoni simultanja tal-atti leġislattivi u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati skont dawk l-atti leġislattivi, filwaqt li jippermetti biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni tal-Istati Membri u għat-tranżizzjoni tan-negożji.

- f) Tnaqqis fir-ritmu regolatorju, bl-objettiv ġenerali li jiġu pprovduti ċertezza regolatorja u stabbiltà bħala bażi għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku, għandu jinkiseb permezz ta' inqas klawżoli ta' rieżami u klawżoli ta' rieżami aktar immirati fil-leġislazzjoni, pereżempju mmirati lejn ir-rieżami ta' partijiet speċifiċi tar-regolament jew biex tiġi kkunsidrata r-revoka ta' ċerti dispożizzjonijiet jekk dawn isiru skaduti, jew ma jibqgħux adatti. It-tul tal-perjodi li warajhom għandhom jiġu rieżaminati d-dispożizzjonijiet minħabba klawżoli ta' rieżami għandu jiżgura li tkun inkisbet biżżejjed esperjenza u jippermetti li tkun disponibbli evidenza ta' pereżempju minimu ta' ħames snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari.
- g) L-atti leġislattivi għandu jkun fihom l-għażliet politiċi essenzjali kollha, għandhom ikunu ċari dwar l-objettivi u jipprovdu għadd iżgħar ta' setgħat li jkunu aktar ċari għall-adozzjoni ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni, kif ukoll jipprevedu għadd iżgħar ta' mandati li jkunu aktar ċari mogħtija lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għall-ħruġ ta' linji gwida.
- h) L-atti delegati u ta' implimentazzjoni għandhom jintużaw mill-inqas, l-għażla tagħhom għandha tkun ġustifikata aħjar f'atti leġislattivi li fuqhom ikunu bbażati, u għandhom jibqgħu ffukati, proporzjonati u tekniċi fin-natura tagħhom, fi ħdan il-parametri tas-setgħat. L-elementi essenzjali ta' qasam partikolari ser ikunu riżervati għall-att leġislattiv u għaldaqstant m'għandhomx ikunu s-suġġett ta' delega tas-setgħa. L-isforzi ta' simplifikazzjoni b'rabta mal-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni eżistenti xorta għandhom jiżguraw iċ-ċertezza legali meħtieġa f'sitwazzjonijiet fejn din ma tistax tiġi żgurata biss mill-atti leġislattivi eżistenti li fuqhom huma bbażati.

10. F'konformità ma' dawn il-prinċipji, JAPPELLA lill-Kummissjoni:

- a) Tressaq malajr pakketti ta' simplifikazzjoni ambizzjużi għar-regolamentazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji, bħala parti minn pjan komprensiv u ambizzjuż għar-rieżami, is-simplifikazzjoni u, fejn rilevanti, it-tħassir tal-atti leġislattivi eżistenti dwar is-servizzi finanzjarji. Il-pjan għandu jinkludi prijoritajiet u kalendarji ċari, kif ukoll inizjattivi ppjanati, li għandhom ikunu ffukati fuq oqsma ewlenin li fihom is-simplifikazzjoni jkollha l-akbar impatt, filwaqt li jitqiesu l-effetti kaskata tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji u l-interazzjoni ma' oqsma oħra ta' regolamentazzjoni b'impatt fuq is-settur tas-servizzi finanzjarji.
- b) Tikkunsidra aktar titjib fil-metodu għall-valutazzjonijiet tal-impatt, pereżempju fir-rigward tal-impatti u l-impatti transfruntiera fil-livell tal-Istati Membri, u billi tevalwa, ladarba l-leġislazzjoni tkun bdiet tapplika, il-kostijiet reali tal-implimentazzjoni u impatti oħra meta mqabbla mal-valutazzjonijiet inizjali f'konformità mar-regoli tagħha dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar imsemmija f'"The Working Methods of the European Commission" (Il-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea)⁴.
- c) Tikkunsidra titjib fil-mandati tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (l-ASE), inkluż bil-għan li jiġi żgurat rapportar imtejjeb u responsabbiltà akbar lejn il-koleġislaturi u li l-ASE jiġu meġġuna jaderixxu mal-prinċipji msemmija hawn fuq.
- d) Tippreżenta analiżi ta' kif jiġi żgurat li r-regolamentazzjoni futura tas-servizzi finanzjarji tal-Unjoni, li tkopri t-tipi kollha ta' miżuri regolatorji, issir inqas kumplessa u inqas ta' piż, filwaqt li tqis il-prinċipji msemmija hawn fuq, inkluż billi jiġi kkunsidrat titjib fil-proċess leġislattiv u esplorazzjoni tal-possibbiltà li r-rekwiżiti ta' rapportar fir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji per eżempju jiġu introdotti u jsiru effettivi darbtejn fis-sena biss.

⁴ KOMUNIKAZZJONI MILL-PRESIDENT LILL-KUMMISSJONI, The Working Methods of the European Commission, 1.12.2024, P(2024) 5 – tista' tiġi aċċessata fuq is-sit web tal-Kummissjoni [hawnhekk](#).

- e) Filwaqt li tiegħu nota tal-prinċipji msemmija hawn fuq, tivvaluta b'mod ambizzjuż l-ambitu għas-simplifikazzjoni meta jiġi rieżaminat kwalunkwe att leġiżlattiv eżistenti, kif ukoll fit-tnejja tal-leġiżlazzjoni l-ġdida kollha, sabiex il-leġiżlazzjoni tkun sempliċi u effiċjenti kemm jista' jkun, b'mod partikolari billi tikkunsidra simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni biex jitneħħew il-partijiet iż-żejda u jiġu allinjati l-aspetti ewlenin tar-rekwiżiti fir-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji.
11. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' diskussjonijiet strutturati mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell xieraq matul l-istadji preparatorji tal-proċess leġiżlattiv. L-objettiv ta' dawn id-diskussjonijiet għandu jkun li jinkiseb fehim kondiviż tad-direzzjoni politika, u għalhekk għandha tiġi pprovduta dikjarazzjoni ċara tal-problemi bħala bażi għal dan id-djalogu, li tinkludi għalfejn qasam partikolari jeħtieġ li jiġi rregolat, jew għalfejn ir-regoli eżistenti mhumiex biżżejjed jew jeħtieġ li jiġu emendati.
12. Bil-ħsieb li s-Suq Uniku jitrawwem għas-servizzi finanzjarji, JISĦAQ fuq l-importanza ta' traspożizzjoni effiċjenti, f'waqtha u korretta tar-regoli tal-UE mill-Istati Membri, li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien għat-traspożizzjoni u li tiġi evitata ż-żieda ta' rekwiżiti nazzjonali addizzjonali mhux meħtieġa mar-regoli tal-Unjoni, u JFAKKAR fl-importanza ta' infurzar xieraq tar-regoli tal-Unjoni,
13. Bil-ħsieb li titkompla l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni dwar is-simplifikazzjoni, JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza ewlenija tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u JAPPELLA lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-aġenziji kollha tal-Unjoni jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tiegħu, b'enfasi partikolari fuq it-trasparenza, il-proporzjonalità u l-kontribut pożittiv tal-valutazzjonijiet tal-impatt li jirfdu t-fassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji,
14. JAPPELLA lill-ASE u lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AMLA) jadottaw approċċ aktar sempliċi u aktar immirat għall-iżvilupp ta' Standards Tekniċi Regulatorji (RTS), Standards Tekniċi ta' Implimentazzjoni (ITS), linji gwida, eċċetra, li jnaqqsu l-kumplessità bla bżonn u jiżguraw li daww il-miżuri regulatorji jkunu ċari, iffukati u proporzjonati. JAPPELLA wkoll lill-ASE u lill-AMLA jwettqu rieżami tal-korpus eżistenti tal-miżuri regulatorji bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati u identifikati d-dispożizzjonijiet skaduti jew duplikati, u JISTIEDEN lill-ASE u lill-AMLA jirrapportaw lura lill-Kummissjoni u lill-koleġiżlaturi dwar il-possibiltajiet ta' simplifikazzjoni skont ir-regoli eżistenti,
15. JIEĦU NOTA tal-ħidma reċenti tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni, inkluż ir-Rapport Ġenerali Annwali tal-Kummissjoni dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar għall-2025, kif ukoll il-ħidma li għaddejjja tal-Kummissjoni, l-ASE, u l-BĊE, rispettivament, dwar is-simplifikazzjoni tal-qafas regulatorju u superviżorju tal-UE, filwaqt li JAPPELLA lill-AMLA tibda proċess simili immedjatament,
16. JENFASIZZA l-importanza li jsir użu effettiv tal-istrutturi eżistenti (pereżempju l-Kumitati Konġunti tal-ASE) fil-koordinazzjoni ta' din il-ħidma biex jiġi żgurat li l-isforzi għas-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji jkunu allinjati,
17. JAPPELLA lill-Kummissjoni tqis il-fehmiet espressi mill-Kunsill f'dawn il-konklużjonijiet u tidentifika potenzjal addizzjonali għat-tisħiħ tas-simplifikazzjoni u l-kompetittività fis-settur finanzjarju, inkluż fil-kuntest ta' rapport li jivvaluta s-sitwazzjoni ġenerali tas-sistema

bankarja fis-Suq Uniku, inkluż l-evalwazzjoni tal-kompetittività tagħha, li hija ppjanata għall-2026, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-progress fl-inizjattivi ta' simplifikazzjoni, inkluż dwar il-miżuri msemmija hawn fuq.
